MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Numru. 5/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**
**Vs**

**MARIA ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARIA ATTARD** mart Paul, bint Giacchino Farrugia u Paula nee Portelli, residenti Maxokk Bakery, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita` numru 1032G giet mressqa quddiemha akkuzata talli fix-xhur t'Awissu, Settembru u Ottubru, 2003 fi Triq San Gakbu, Nadur;

1. Bhala persuna li f'isimha ghandha il-licenzja biex izzomm zewgt iklieb ta' kulur kannella, halliet jew ippermettiet dawn il-klieb jiggerrew fit-triq wahedhom.
2. Aktar talli naqqset li tnehhi l-hmieg minnufih meta l-klieb hammgu fit-triq.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe` lil Joseph Xuereb u Rita Mifsud jixhdu fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2004 u l-Ispettur Antonello Grech jixhed fis-seduta tas-26 ta' Awissu, 2004 meta effettivament ipprezenta l-okkorrenza relattiva.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju fis-seduta tas-26 ta' Awissu, 2004 meta xehdu ukoll PS755 Frank Gauci, Yvonne Debono, Peter Paul Debono u Maria Attard. Xehdu ukoll in difiza Rita Grech, Frankie Attard u Grace Farrugia nhar il-11 ta' Novembru, 2004.

Il-Qorti tirrileva li hija semghet ix-xhieda kollha relevanti ghall-kaz odjern fir-residenza tal-imputata u dan peress illi l-istess imputata ma tohrogx mid-dar.

**Joseph Xuereb**, wiehed mill-kwerelanti f'din il-kawza xehed u spjega illi huwa joqghod zewg bibien boghod mill-fond tal-imputata. Spjega li l-imputata ghandha diversi klieb fosthom zewgt iklieb kbar u thallihom jigru barra mis-7.00am sas-1.00am. Qal ukoll illi il-klieb huma kollha registrati f'isem l-imputata. Qal illi sabiex jghaddi fit-triq irid l-ewwel jistenna l-klieb jghaddu. Qal ukoll il-klieb tal-imputata jhammgu hafna. Mistoqsi meta ghamel ir-rapport relattiv fuq l-imputata huwa stqarr li ma jafx ghaliex data ma zammx. Spjega ukoll li bejn ir-residenza tieghu u dik tal-imputata tghix oht il-mara tieghu waqt li fuq in-naha l-ohra tal-imputata tghix Rita Camilleri.

**Rita Mifsud** xehdet u spjegat li hija tghix zewg bibien boghod mill-imputata. Ikkonfermat illi hija ghamlet rapport l-ghassa dwar il-fatt li l-imputata ghandha zewgt iklieb jigru barra u gieli jaghmlu ghaliha kif ukoll ghal binha. Qalet ukoll illi dawn il-klieb gieli jhammgu fit-triq kif ukoll mal-bieb tal-garaxx. Qalet ukoll illi hija tinzerthom barra

ghall-habta tad-9.00pm kif ukoll ghall-habta tas-7.00am. Ikkonfermat li l-klieb jhammgu kemm fix-xahar ta' Novembru kif ukoll f'Dicembru u f'Jannar tas-sena 2003.

**L-Ispettur Antonello Grech** xehed u ippresenta l-okkorrenza relattiva mehuda minn WPS 160 Joseph Camilleri u dan fis-seduta tas-26 ta' Awissu, 2004. Minn esami ta' din l-okkorrenza jirrizulta li Dottor Said ghan-nom tal-klijent tieghu Joseph Xuereb allega li Grace Farrugia u Maria Attard ta' "Maxokk Bakery", Triq San Gakbu, qed ihallu zewgt iklieb jigru barra minghajr ma huma licenzjati.

WPS 164 stqarret fir-rapport taghha illi nhar is-26 ta' Awissu, 2003 ghall-habta ta' 8.00am hija marret fuq il-post indikat lilha fir-rapport u ma sabet l-ebda kelb jigri fit-triq. Hija allegatament kellmet lil Grace Farrugia u minn naha taghha qaltilha li mhuwiex minnu li jithallew xi klieb fit-triq wahedhom, salv "if they find the door open and they go out unnoticed". Qalet ukoll illi l-klieb huma licenzjati f'isem ommha l-imputata. Ikkonfermat ukoll li l-imputata ma tohrogx mid-dar u hija "bed ridden".

L-imputata **Maria Attard** xehdet u ikkonfermat li hija ghandha zewgt iklieb, u ilhom ghandha sitt snin u hija zzomhom gewwa, u sa fejn taf hi qatt ma taw fastidju lil hadd. Hija spjegat li d-dar taghha tinfed ma razett minn wara u li s-soltu l-klieb ihammgu hemmhekk.

Misotqsija jekk il-wardens gieli kellmuha fuq il-klieb, hija wiegbet fin-negattiv u ziedet tghid li l-wardens jghaddu minn quddiem id-dar taghha u qatt ma jghidulha xejn.

Spjegat li l-klieb izommhom maghluqa go darha wara il-hasira u meta jkunu fuq il-bankina joqghodu ma gemba. Spjegat li oht il-mara ta' Joseph Xuereb ghandha kawza civili kontra taghha.

**PS 755 Frank Gauci** xehed u spjega illi darba minnhom kellu rapport fuq xi kwistjoni ta' klieb tal-imputata li allegatament jinzammu barra u l-Ispettur Curmi kien bghatu jghamel spezzjoni. Meta mar fil-fond tal-imputata

dahal go Forn ma gemb ir-residenza tal-imputata u staqsa jekk kienx hemm xi klieb. Hemmhekk iltaqa ma xi hadd bl-isem Grace u din dahhlitu god-dar tal-imputata fejn hemmhekk sab zewgt iklieb.

**Yvonne Debono** xehdet u spjegat illi hija toqghod fil-vicinanzi tal-imputata kemm kemm tikser il-kantuniera li hemm hdejn id-dar tal-imputata. Qalet li l-klieb tal-imputata hija ma tarhomx barra, izda tarhom gewwa ghand l-imputata. Mistoqsija jekk jaghtux fastidju lill-girien hija wiegbet fin-negattiv.

**Paul Debono**, zewgt Yvonne, xehed u spjega li ilu jghix fl-ekwati ghoxrin sena. Huwa spjega li f’din l-ahhar sena huwa ma rax il-klieb tal-imputata barra, izda jara xi erbgha jew hamest iklieb ohra barra t-triq. Huwa jghaddi sieghat mal-imputata u dejjem jara l-klieb gewwa. Mistoqsi jekk qatt ghamel xi rapport fuq il-klieb tal-imputata huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk kienx jaf fuq x’hiex ser jixhed, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u spjega li kien gie mistoqsi minn bint l-imputata Grace jekk setghetx tkun xhud f’din il-kawza fuq it-tahrika li kellha ommha dwar il-klieb u huwa kien wiegibha fl-affermattiv. Mistoqsi jekk jarax hmieg tal-klieb barra fit-triq, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u qal li l-hmieg huwa tal-klieb ta’ Joseph Attard mgharuf “In-nini”, kif ukoll ta’ zijtu li ghandha klieb li jigru barra fost xi nies ohra.

**Marija Attard** xehdet u qalet li hija tghix vicin il-fond tal-imputata fil-kantuniera tal-istess triq. Stqarret li hija tkun fil-bankina fit-triq ghall-habta tad-9.00pm u tara l-klieb tal-imputata ma gemba. Mistoqsija jekk tarax hmieg tal-klieb fit-triq ix-xhud wiegbet fl-affermattiv pero’ ziedet tghid li ma tafx ta’ liema kelb. Mistoqsija jekk fit-triq hemmx klieb hija wiegbet li hemm hafna. Qalet ukoll li Joseph Xuereb (il-kwerelant) ghandu tlett iklieb u filghodu ghall-habta tal-5.00am huwa jkun sejjer lejn il-garaxx t’ommu bil-klieb mahlulin mixjin fit-triq. Qalet ukoll li z-zija ta’ dan Joseph Xuereb, certu Roza, ukoll ghandha l-klieb li jhammgu u dan tafu ghaliex gieli rathom ihammgu. Qalet ukoll li sahansitra anke rapport l-ghassa tal-Pulizija ir-Rabat ghamlet fuq il-hmieg tal-klieb tal-istess Joseph Xuereb.

**Rita Grech**, bint l-imputata xehdet u qalet li hija tmur ghand ommha kuljum u kull meta tmur tara l-klieb ta' ommha gewwa darha. Ikkonfermat li fuq wara d-dar t'ommha tinfed ma mandra u l-klieb ihammgu barra fil-mandra.

**Franky Attard** bin l-imputata xehed u ikkonferma li l-klieb ta' ommu jkunu gewwa u barra jiggerrew fit-toroq ma jkunux. Spjega ukoll li gieli jmorru l-Pulizija jistaqsu ghall-klieb u dawn dejjem isibuhom gewwa. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk barra fit-triq jkunx hemm klieb jigru, x-xhud wiegeb fl-affermattiv.

**Grace Farrugia** bint l-imputata spjegat li hija tahdem fil-forn ma gemb id-dar ta' ommha mis-7.00am sal-12.00pm u l-klieb barra ma thallihomx jigru. Qalet ukoll li l-Pulizija gieli gew ghandha fil-forn jistaqsu fejn huma il-klieb u dawn dejjem sabuhom gewwa. Ikkonfermat li l-klieb ihammgu fir-razett ta' mad-dar.

Illi ghalhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti, dik esposta mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li l-klieb tal-imputata jigru barra u dik il-verzjoni esposta mill-imputata li effettivament l-klieb taghha ma jhammgux it-triq izda l-mandra ta' mad-dar, u li effettivament huma il-klieb ta' Joseph Xuereb stess li jhammgu t-triq. Il-Qorti ma thossx illi bix-xhieda prodotta, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha specjalment fil-kwadru tal-provi prodotti mid-difiza li lkoll ddikjaraw dak li qalet il-kwerelata u mhux hekk biss ukoll jghidu li fit-triq hemm diversi klieb ohra inkluz dak tal-kwerelant Xuereb u ta' zijtu Roza (li mhux michuda mill-Prosekuzzjoni) li jhammgu t-triq.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli 3(1) 5 (2) tal-Avviz Legali 242/2000 thoss illi l-akkuzi ma jirrizultawx ipprovati u tiddikjara li ma ssibx lill-imputata MARIA ATTARD hatja tal-akkuzi u tilliberha minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------